MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GEOFFREY VALENZIA

Seduta tad-9 ta' Ottubru, 2006

Citazzjoni Numru. 476/2005

**Bank of Valletta p.l.c**

**Vs**

**1. William Joseph Caruana (I.D. Nru. 309942(M)**
**2. Kenneth Caruana (I.D. Nru. 1552749(M) u b'digriet tat-8 ta' Mejju 2006 gew nominati Dr. Beppe Fenech Adami u PL Mario Mifsud Bonnici bhala kuraturi biex jirraprezentaw lill-assenti Kenneth Caruana.**

**Il-Qorti**

**Preliminari**

Rat **l-att tac-citazzjoni** li permezz taghha s-socjeta' attrici ppremettiet illi:

Premess illi bit-termini u kundizzjonijiet imsemmija f’zewg kuntratti datati 16 t’ Ottubru, 1992, in atti Nutar Dottor Pierre Attard (Dok “A” u “B”), is-socjeta’ attrici kkoncediet “*Loan u Overdraft Facilities”* lill-konvenut , William Joseph Caruana;

Premess illi s-socjeta’ attrici tinsab kreditrici tal-konvenut William Joseph Caruana fis-somma ta’ wiehed u erbghin elf, disa’ mija u sitta u disghin Lira Maltin u disgha u tmenin centezmu (Lm 41,996.89) bilanc ghad-debitu fil-‘ *“Loan u l-Overdraft Accounts”* tal-konvenut William Joseph Caruana mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok “C” sa “C22”, “D1” sa “D23”, Dok. “E1” sa “E2”, u Dok. “F1”) flimkien ma’ l-imghax ulterjuri mill-31 ta’ Marzu, 2005 sad-data ta’ l-effettiv pagament;

U premess illi permezz tal-kuntratti fuq imsemmija u cioe’ dawk datati 16 t’ Ottubru 1992 in atti Nutar Dottor Pierre Attard (Dok “A” u “B”), il-konvenut Kenneth Caruana ggarantixxa flimkien u “*in solidum”* ma’ William Joseph Caruana ghaf-favur tal-Bank of Valletta p.l.c. id-debiti ta’ l-istess William Joseph Caruana mal-Bank of Valletta p.l.c.

U premess illi l-konvenuti gew interpellati permezz ta’ zewg ittri ufficjali datati 24 ta’ Frar 2003 u li kopji taghhom qed jigi hawn esebiti u mmarkati Dok “G” u Dok “H”, sabiex ihallsu d-dejn fuq imsemmi, izda dawn baqghu inadempjenti.

Jghidu l-konvenut ghaliex m’ghandix din il-Qorti ghar-ragunijiet fuq imsemmija,

(1) Tikkundanna lil William Joseph Caruana u lil Kenneth Caruana jhallsu flimkien u “in solidum” bejniethom lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ wiehed u erbghin elf, disa’ mija u sitta u disghin Lira Maltin u disgha u tmenin centezmu (Lm 41,996.89) bilanc ghad-debitu fil-“*Loan u l-Overdraft Accounts”* ta’ William Joseph Caruana mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok “C1” sa “C22”, “D1” sa “D23”, Dok. “E1” sa “E2”, u Dok. “F1”) flimkien ma’ l-imghax ulterjuri mill-31 ta’ Marzu, 2005 sad-data ta’ l-effettiv pagament;

Bl-ispejjez komprizi dawk ta' l-ittri ufficjali datati 24 ta' Frar 2003, li gewipprezentati kontra l-konvenuti li huma ngunti minn issa sabiex jidhru ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta' attrici a fol. 3 tal-process.

Rat in-**nota tal-eccezzjonijiet tal-kuraturi deputati** a fol. 175 tal-process fejn eccepew:

Illi huma m'humiex edotti mill-fatti li taw lok ghal din il-kawza u jirrizervaw illi jipprezentaw nota tal-eccezzjonijiet ulterjuri kemm -il darba huma jigu edotti mill-fatti.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat li l-konvenut William Joseph Caruana ghalkemm debitament notifikat bil-procedura tal-affissjoni naqas li jidher u jipprezenta l- eccezzjonijiet tieghu u ghalhekk baqa' kontumaci;

Semghet ix- xhieda tal-P L Joseph Zamnmit;

Ezaminat l-atti tal- kawza;

Billi mill-provi mhux kontradetti t- talba dedotta fic-citazzjoni tirrizulta pruvata u fil-kontumacja tal-konvenut William Joseph Caruana tiddecidi billi tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici kif dedotta fic-citazzjoni bl-imghax u bl-ispejjez kontra l-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------